# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 488**

**It-Tnejn 12 ta' Frar, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**488.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

488.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur John J Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace jkun skużat.

488.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

488.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Brian Spiteri fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Brian Spiteri jkun skużat.

**488.2 Żvilupp f'Ħaż-Żabbar - PA/11060/2017**

488.2.1 Is-Sindku qal li sejjaħ din il-laqgħa biex iressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill joġġezzjona formalment mal-Awtorita` tal-Ippjanar għall-applikazzjoni PA/11060/17 fejn qed jiġi propost żvilupp kummerċjali ta' stabbiliment b'parkeġġ ta' tmienja u għoxrin karozza li jinsab fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp.

488.2.2 Is-Sindku qal illi kien qed iressaq din il-mozzjoni fuq bażi ta' dawn ir-raġunijiet:

Parti sostanzjali tal-proġett qed jiġi propost fuq art ODZ, bil-kumplament fuq art proposta għal żvilupp residenzjali skont is-*South Malta Local Plan*.

Se tiżdied sostanzjalment il-konġestjoni tat-traffiku f'żona li diġà hija traffikuża.

Il-parkeġġ propost ta' 28 karozza żgur li mhux se jkun qed ikopri l-ħtiġijiet tal-attività kummerċjali li se jiġġenera t-tali investiment.

L-aċċess għad-*drive thru* propost ġo triq distributorja mhux aċċettabli minħabba li jista' jiġi bblukkat l-aċċess tat-triq.

Ma sarx studju tal-impatt tat-traffiku adegwat qabel ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni.

Dan l-iżvilupp se jaffettwa art agrikola tajba u jnaqqas l-ammont ta' siġar minn fuq is-sit.

L-iżvilupp se jkompli jżid mal-problemi tal-iskart u tal-istorbju.

Dan l-iżvilupp imur kontra l-Pjan ta' Riġenerazzjoni propost mill-Gvern Ċentrali fiż-żona magħrufa bħala "l-Foss", kif ukoll proġett ta' rikreazzjoni propost mill-Kunsill Lokali fil-viċinanzi.

488.2.3 Is-Sindku qal illi kienet saret laqgħa mal-applikant tal-iżvilupp propost u ġiet diskussa l-possibilità li jsir *underground parking* taħt l-istabbiliment tal-ikel u li jkun jista' jintuża mir-residenti wara ċertu ħinijiet, jitwaħħlu numru ta' *bins* fil-viċinanzi tal-istabbiliment u biex issir *lay by* fi Triq tal-Labour sabiex b'hekk il-vetturi jkunu jistgħu jidħlu fil-ġenb tat-triq sakemm ikunu qed jistennew għad-*drive thru*. Is-Sindku qal illi l-applikant kien lest li jgħin fl-iżvilupp ta' uħud mill-proġetti f'Ħaż-Żabbar.

488.2.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona formalment mal-Awtorita` tal-Ippjanar għall-applikazzjoni PA 11060/17 fejn qed jiġi propost żvilupp kummerċjali ta' stabbiliment b'parkeġġ ta' tmienja u għoxrin karozza li jinsab fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp.

**488.3 Tmiem tal-laqgħa**

488.3.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-490 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Frar, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku